



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2018
COM(2018) 73 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali hġief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi hġief

1. Introduzzjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi l-emissjonijiet medji tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni, permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi u teknoloġiji innovattivi.

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati, kif imsemmi fl-Artikolu 15(1) bil-ħsieb li:

- temenda l-Anness II u tadotta regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-data dwar l-emissjonijiet medji, kif previst fl-Artikolu 8(9);
- tissupplimenta r-Regolament, fost l-oħrajn, dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, dwar il-kontenut tal-applikazzjonijiet, u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni ta' programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂, kif previst fl-Artikolu 11(7);
- sal-31 ta' Ottubru 2016 (u kull tliet snin minn dakinhar), temenda l-Anness I biex tiġi aġġustata ċ-ċifra ta' M0 għall-massa medja ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda fit-tliet snin preċedenti, kif previst fl-Artikolu 13(5);
- temenda l-Anness I biex tadatta l-formoli biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet speċifiċi indikattivi ta' CO₂ ta' vetturi kummerċjali ħfief, kif previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 13(6).

2. Bażi ġuridika

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha l-għan li tissodisfa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011. Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin, li jibda mit-3 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni hija meħtieġa wkoll tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lilha b'dak ir-Regolament. Ir-rapport għandu jitfassal sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin tad-delega. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex.

3. Eżerċitar tad-delega

L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 8(9), l-Artikolu 11(7), l-Artikolu 13(5) u r-raba' paragrafu tal-Artikolu 13(6) ta' dak ir-Regolament.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief, ĠU L 145, 31.05.2011, p. 1

3.1 L-Artikolu 8(9) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jeħtieġ li l-Kummissjoni temenda l-Anness II u tistabilixxi, permezz ta' atti delegati, regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-data dwar l-emissjonijiet medji ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tal-UE.

Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 510/2011, il-Kummissjoni adottat żewġ atti delegati skontu:

- a) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2012² jemenda l-Anness II tar-Regolament dwar l-Emissjonijiet tal-Vannijiet fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri. Dan l-att delegat ġie adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Jannar 2012 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. L-oġettiv ewlieni tiegħu huwa li jitjiebu l-mezzi għall-verifika tal-preċiżjoni tad-data billi:
- jitlob li d-data miġbura mill-Istati Membri tkun konsistenti maċ-ċertifikat tal-konformità tal-vetturi kkonċernati;
 - jippermetti l-użu ta' sorsi oħra ta' data li jipprovdu preċiżjoni ekwivalenti għall-finijiet tal-monitoraġġ u r-rappurtar tas-CO₂;
 - iżid in-numru tal-approvazzjoni tat-tip bħala parametru tad-data dettaljata li għandu jkun rappurtat;
 - jaġġorna l-format għat-trażmissjoni tad-data, sabiex tkun żgurata konsistenza bejn ir-rekwiżiti differenti.
- b) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2014³ jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri. Dan l-att delegat ġie adottat mill-Kummissjoni fis-17 ta' Frar 2014 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. L-oġettiv ewlieni tiegħu hu li jadatta r-regoli dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtar għall-metodu l-ġdid għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal vetturi kompletati b'diversi stadji, kif stipulat fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008.

3.2 L-Artikolu 11(7) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta r-Regolament, fost l-oħrajn, fejn tidħol l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, il-kontenut tal-applikazzjonijiet, u l-kontenut u l-valutazzjoni tal-programmi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO₂.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 205/2012 tas-6 ta' Jannar 2012 li jemenda l-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sors tad-dejta u tal-parametri tad-dejta li għandhom ikunu rrappurtati mill-Istati Membri, ĠU L 72, 10.03.2012, p. 2.

³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2014 tas-17 ta' Frar 2014 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda li t-tip tagħhom diġà ġie approvat fi proċess b'diversi stadji, ĠU L 121, 24.04.2014, p. 1.

Dan l-att delegat⁴ ġie adottat mill-Kummissjoni fis-6 ta' Novembru 2012 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. L-għan ewlieni ta' dan l-att legali huwa li jstabbilixxi l-informazzjoni li għandha tingħata mill-manifatturi ta' volum żgħir, bil-fini li juru li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet għal deroga minn miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat żewġ atti delegati għall-fini li jiġu kkoreġuti l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO₂ ta' referenza għal żewġ manifatturi ta' volum żgħir:

- a) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1047/2013⁵ jikkoreġi l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur Piaggio għas-sena kalendarja 2010, wara n-notifika mill-applikant ta' emissjonijiet oġġla mill-valur indikat fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013⁶;
- b) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 482/2014⁷ jikkoreġi l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur Great Wall Motor Company Limited għas-sena kalendarja 2010, wara n-notifika mill-applikant ta' emissjonijiet oġġla mill-valur indikat fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013;

3.3 L-Artikolu 13(5) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati biex sal-31 ta' Ottubru 2016 (u kull tliet snin minn dik id-data 'l quddiem) temenda l-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Dan l-att delegat⁸ ġie adottat mill-Kummissjoni fl-14 ta' Diċembru 2016 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. L-għan ewlieni ta' dan l-att legali huwa li jadatta l-valur tal-massa medja użat għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi tas-

⁴ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 tas-6 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-applikazzjoni għal deroga minn miri ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ĠU L 38, 9.2.2013, p. 1.

⁵ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1047/2013 tal-21 ta' Awwissu 2013 li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 għall-iskop li jikkoreġi l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ fl-2010 speċifikati għall-manifattur Piaggio, ĠU L 285, 29.10.2013, p. 1.

⁶ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 114/2013 tas-6 ta' Novembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-applikazzjoni għal deroga minn miri ta' emissjonijiet speċifiċi tas-CO₂ għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ĠU L 38, 9.2.2013, p. 1.

⁷ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 482/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 114/2013 fir-rigward tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO₂ fl-2010 speċifikati għall-manifattur Great Wall Motor Company Limited, ĠU L 138, 13.5.2014, p. 51.

⁸ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/748 tal-14 ta' Diċembru 2016 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni tal-massa tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-2013, fl-2014 u fl-2015, ĠU L 113, 29.04.2017, p. 9.

CO₂ ta' vetturi kummerċjali h'fief ġodda, billi titqies il-massa medja tal-vetturi l-ġodda rreġistrati fl-Unjoni.

3.4 Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 13(6) tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 jeħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tadatta l-formoli stabbiliti fl-Anness I ta' dak ir-Regolament.

Dan l-att delegat⁹ ġie adottat mill-Kummissjoni fit-2 ta' Ġunju 2017 u ntbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-iskrutinju. L-għan ewlieni ta' dan l-att legali huwa li jadatta l-miri speċifiċi tal-emissjonijiet ta' CO₂ u r-rekwiżit tal-monitoraġġ u r-rappurtar għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl ta' emissjonijiet bħal dawn. Il-Proċedura ta' Ttestjar Armonizzata fuq Livell Dinji għall-Vetturi H'fief (WLTP) hija stabbilita fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151¹⁰ u tissostitwixxi ċ-Ċiklu ta' Sewqan Ewropew Ġdid (NEDC) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008¹¹, b'effett mill-1 ta' Settembru 2017.

4. Konklużjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 ilu japplika mill-2011. Sa issa, il-Kummissjoni adottat atti delegati biex tiddefinixxi u temenda r-regoli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tad-data dwar l-emissjonijiet medji, b'mod partikolari dawk li jistabbilixxu d-dettalji dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-manifatturi li jixtiequ japplikaw għal deroga tal-emissjonijiet u jaġġustaw il-formoli tal-kalkolu tal-miri u tal-valuri tal-massa fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma qajmu l-ebda oġġezzjoni bħala riżultat tal-iskrutinju ta' dawk l-atti.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

⁹ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1499 tat-2 ta' Ġunju 2017 li jemenda l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-iskop li jiġu adattati għall-bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi kummerċjali h'fief, ĠU L 219, 25.08.2017, p. 1.

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi h'fief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008, ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1.

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tal-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi h'fief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura, ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1.